# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 25**

**Rikors numru 847/16/1 LM**

**Dennis Francalanza**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell ta' 'HSBC Bank Malta plc' minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Mejju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Bank imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HSBC"), għajr għas-sittax-il waħda, bil-konsegwenza li ordnat lil HSBC iħallas lill-attur hawn appellat, kumpens

ekwivalenti għal tliet snin salarju, f'xahar żmien mid-data tas-sentenza, u dan bl-ispejjeż tal-proċeduri flimkien ma' dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 397/2016, kif ukoll bl-interessi legali li għandhom jibdew jgħaddu mill-15 ta' Marzu, 2011, liema kumpens tnissel mill-fatt li t-Tribunal Industrijali kien sab li l-appellat kien tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu minn mal-Bank u l-Bank ma kienx reġa' daħħlu lura għax-xogħol;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Kunsiderazzjonijiet legali*
>
> *Din il-Qorti tosserva li sabiex tiġi riżolta din il-kwistjoni bejn il-partijiet jeħtieġ li jsir approfondiment dwar il-fatti kif seħħew, u dwar jekk dak li għamlet xi parti jew oħra jistax jiġi interpretat bħala dekadenza mill-jedd li titkompla jew li saħansitra tinbeda l-azzjoni odjerna. Ikun inutli għall-Qorti li tagħti l-interpretazzjoni tagħha dwar l-applikabilità o meno tal-klawsola tal-ftehim kollettiv li qiegħed jiċċita l-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, jekk l-assjem tal-fatti kif seħħew ma jħallux lok fejn l-attur ikompli b'din l-azzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jkun opportun li tevalwa l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-bank konvenut dwar il-mod kif il-ħlas tal-kumpens ordnat mit-Tribunal Industrijali tħallas mill-konvenut permezz ta' cheque u covering letter li tispeċifika li dak il-ħlas kien qiegħed isir 'in full settlement', u għaldaqstant għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attur fil-konfront tal-bank konvenut, u l-mod kif l-attur aċċetta dak il-ħlas anki jekk b'riserva u bil-kundizzjoni li jkun jista' jieħu passi legali kontra l-bank konvenut, sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk apparti l-kumpens likwidat mit-Tribunal Industrijali, għandux ikun hemm ukoll ħlas ta' tliet snin salarju u benefiċċji oħra skont il-ftehim kollettiv.*
>
> *Mill-provi jirriżulta li l-ħlas mill-bank konvenut tal-kumpens ordnat mit-Tribunal Industrijali sar 'in full settlement of all your claims arising from the termination of your employment with the Bank.' L-attur fehem mill-ewwel l-import ta' din il-klawsola, u minkejja li sarraf iċ-cheque mibgħut lilu mill-bank konvenut, huwa bagħat jinforma lill-bank li kien qiegħed jagħmel dan b'riserva u b'kundizzjoni li jkun jista' jipproċedi kontra l-bank għall-ħlas tas-salarji u l-benefiċċji li hu jgħid li huma dovuti lilu skont il-ftehim kollettiv. Fl-ittra tiegħu datata 14 ta' Diċembru, 2015 lill-Human Resources Manager tal-bank David Perotti (a fol. 27), l-attur spjega li, "the scope of this letter is to inform you that*

*I cannot accede to your request in view of my pending claim with the Bank in respect of the bank's obligation under the Collective Agreement to pay me a minimum of 3 years' salary, together with a confirmation that I will also retain all the applicable staff benefits accordingly."*

*Huwa sew magħruf li l-Qrati tagħna japplikaw rigorożament il-prinċipju tal-finalità li bih isir ħlas għas-saldu ta' kull pretensjoni tal-allegat kreditur. Il-ġurisprudenza ewlenija fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta tissuġġerixxi li meta kreditur jaċċetta pagament magħmul għas-saldu, dan ikun qiegħed jikkonferma li b'dak il-pagament id-dejn ikun inqatel, u li hu qiegħed jiddekadi minn kull jedd ta' azzjoni li jista' jispetta lilu fil-konfront tad-debitur. Din it-teżi ssib konfort f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, b'mod partikolari f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Francis Penza vs. John Mallia*** *fejn kien stabbilit illi:*

> *"In tema legali jingħad illi f'ċirkostanzi normali, kif diġà osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru, 1986 in re* ***William Apap vs. Joseph Gauci et noe,*** *meta d-debitur offerenti jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditu u m'għandux dritt il-kreditur litterjalment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaċċettah b'kundizzjonijiet u riservi li neċessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament għas-saldu."* (06.05.1991).

*Illi sentenza oħra li tikkonferma dan il-ħsieb hi dik fl-ismijiet* ***St George's Park Co. Ltd vs. Pace Bonello Eric pro et noe:***

> *"In tema legali u fejn iċ-ċirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qiegħed iseħħ, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kolha tal-konvenut, m'għandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaċċettah b'kundizzjonijiet u b'riservi li intrinsikament u neċessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."* (Q.A. (Inf. 15.03.2002)

*Deċiżjoni importanti tal-Qorti tal-Appell li applikat l-istess prinċipju fl-interpretazzjoni tat-terminu 'għas-saldu', hija dik fl-ismijiet* ***Vella de Fremeaux vs. Eagle Star (Malta) Ltd pro et noe*** *(09.11.2012), fejn il-Qorti stabbiliet diversi prinċipji importanti:*

> *"Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirriafferma l-prinċipju enunċjat mill-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) li l-kreditur m'għandux dritt ibiddel unilateralment il-modalità ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u għalhekk mhuwiex legalment konsenstit li, min jaċċetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment ifissru li dak il-pagament kien qed jiġi effettwat għas-saldu ibiddel il-modalità ta' dak il-pagament.*
>
> *Għalhekk fil-każ preżenti, meta kienet għaddejja bejn il-partijiet il-vertenza dwar il-quantum tal-maturity value tal-poloz, il-fatt li s-soċjetajiet appellant għamlu offerta lill-atturi billi bagħtu cheques bħala pagamenti in full and final settlement l-atturi kellhom għażla: jew li jaċċettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta magħhom, u*

> *b'hekk tiġi riżolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti: iżda żgur li legalment ma setgħux, ibiddlu unilateralment il-modalità tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti għas-saldu jiddikjaraw li qed jaċċettaw pagamenti akkont tal-prezz pretiż minnhom. Huwa għalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi aċċettaw il-pagamenti mibgħuta lilhom dawn għamluha ċara, kemm b'ittra mibgħuta lis-soċjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest ġudizzjarju, li huma kienu ser jaċċettawhom mingħajr preġudizzju għall-ammont bilanċjali dovut lilhom.*
>
> *Illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li, 'meta l-konvenuti għażlu l-mod tal-pagament in kwistjoni, huma għamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b'att unilaterali ieħor jistgħu jimponu riserva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li ċ-cheque ġie minnhom imsarraf. Din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa legalment insostenibbli, stante li, filwaqt li s-soċjetajiet konvenuti, bħala debituri, kellhom dritt jagħmlu l-offerta tagħhom kif għamluha, ma kienx konsentit għall-atturi, bħala kredituri, li jaċċettaw l-offerta b'kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuti fl-offerta. Huma kellhom jagħżlu, jew jaċċettaw l-offerta magħmula, jew jirrifjutawha.*
>
> *Illi l-atturi jsemmu każistika riċenti li fiha l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u l-Qorti tal-Appell (Superjuri) fissru li l-prinċipju enunċjat fis-sentenza* ***Apap vs Gasan,*** *mhuwiex wieħed assolut u jistgħu jeżistu ċirkostanzi fejn ikun ġust li l-Qorti tħoss li għandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti ġudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-prinċipju, imma dawn huma każijiet eċċezzjonali li l-fattispeċi tagħhom manifestement jirrendu dan il-prinċipju inapplikabbli. Hekk, per eżempju fil-kawża* ***Agius Marble Works Ltd vs AX Construction Ltd,*** *kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, għalkemm kien qed jiġi dikjarat li qed isir 'in full and final settlement' lampantement ma kienx ikopri x-xogħlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-soċjetà kreditriċi.*
>
> *Fil-każ in diżamina dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali huma mankanti, u għalhekk għandu japplika l-prinċipju fuq espost fir-rigur tiegħu."*

*Madanakollu fis-sentenza fl-ismijiet* ***Aceline Entertainment Ltd vs. Price Breakers Limited*** *(Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Consuelo Scerri Herrera, 16.12.2011):*

> *"Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma' din il-posizzjoni riġida fis-sentenza ċitata. (William Apap v. Joseph Galea et nomine) Il-prinċipju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fiċ-ċirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f'każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volontà tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament."*

*Din il-Qorti tabbraċċja dan l-aħħar insenjament u għalhekk tqis illi fil-kawża odjerna għandha timxi b'kawtela, u għandha teżamina jekk tenut kont il-fatti kif seħħew u l-obbligi tas-soċjetà konvenuta, jeżistux*

*ċirkostanzi tali li abbażi tagħhom il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-prinċipju tal-finalità ta' ħlas magħmul għas-saldu, anki in linea ma' dak stabbilit fil-ġurisprudenza ċċitata.*

*Jirriżulta li l-bank konvenut, meta ssalda l-obbligazzjoni imposta fuqu mit-Tribunal Industrijali bil-ħlas ta' sitt elef Euro (€6,000), kien qiegħed iħallas dak li ġie obbligat iħallas bid-deċiżjoni tat-Tribunal, mingħajr ebda kunsiderazzjoni ta' jekk għandux obbligi oħra li jemanu mir-relazzjoni kuntrattwali li l-bank għandu mal-impjegati tiegħu.*

*Illi hija l-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, li l-bank konvenut bl-ebda mod ma seta' jikkundizzjona l-ħlas magħmul minnu lill-attur, jew jinjora l-fatt li l-obbligi tiegħu jemanu minn żewġ sorsi – dawk imposti fuqu mit-Tribunal Industrijali, u dawk imposti fuqu bis-saħħa tal-ftehim kollettiv, u filwaqt li l-ħlas ta' sitt elef Euro (€6000) magħmul mill-bank konvenut jista' jitqies bħala ħlas finali fir-rigward tal-obbligi tal-bank konvenut li jemanu mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, wieħed irid jikkunsidra jekk il-bank konvenut għandux obbligi oħrajn li joriġinaw mill-ftehim kollettiv innegozjat mill-unions li jirrappreżentaw lill-impjegati tal-bank konvenut.*

*Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), f'sentenza li tat fl-ismijiet* ***Frederick Attard vs Malta International Airport plc et*** *(27.05.2015), stabbiliet illi:*

> *"Ftehim Kollettiv huwa strument legali li jsaħħaħ ir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat u huwa vinkolanti."*

*F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (27.022009) fl-ismijiet* ***Joseph Silvio vs. Corinthia Palace Hotel Company Limited****, il-Qorti qalet hekk, dwar l-importanza tal-ftehim kollettiv fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-impjegati u min iħaddimhom:*

> *"Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod ġenerali r-rapporti tax-xogħol ta' kategorija ta' ħaddiema bl-intervent tal-Union li tirrappreżentahom. Huwa kuntratt importanti ħafna mhux biss għall-kontenut tal-kundizzjonijiet tax-xogħol pattwiti fih imma għaliex, fundamentalment, dawk l-istess kundizzjonijiet u d-dixxiplini l-oħra tiegħu għandhom jitqiesu r-regoli ta' ġudizzju li jridu jiġu assunti meta tinsorġi xi kwistjoni jew problema bejn l-interessati. In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jiġi interpretat skont l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinati tal-ermenewtika kontrattwali, għalkemm anke hawn, wieħed ma jridx iħalli jisfuġġi mill-viżjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli għas-settur, u allura għal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi għall-kriterju tal-armonija tal-kumpless tad-dispożizzjonijiet tiegħu u tal-volontà komuni f'rapport tax-xogħol."*

*Illi fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, huwa ċar li l-bank konvenut ma setax jinjora t-termini tal-ftehim kollettiv jew jagħżel hu kif għandu jinterpreta l-klawsoli tal-imsemmi ftehim, speċjalment meta l-klawsoli inkwistjoni setgħu jiġu interpretati b'aktar ċarezza meta kienu*

*għadhom sitwati f'inħawi oħra tal-istess ftehim kollettiv qabel il-bidliet superfiċjali li saru fi żminijiet riċenti. Il-Qorti tagħżel it-terminu 'superfiċjali' minħabba li mix-xhieda li nstemgħu jidher ċar li l-klawsola inkwistjoni kellha tifsira aktar ċara, u huwa veru li meta din iċċaqalqet u ġiet inkorporata taħt is-subartikolu intestat 'Terminal Benefits' jista' jkun li t-tifsira tagħha sfat dilwita. Però l-Qorti ġiet infurmata wkoll illi li kieku l-jeddijiet tal-impjegati kienu ser jintmessu b'xi mod li l-klawsola inkwistjoni kellha tibda tingħata l-interpetazzjoni li qiegħed jagħtiha l-bank konvenut, din kien ikollha tiġi sottomessa għall-vot tal-impjegati kollha tal-bank, stante li din kienet tfisser tnaqqis sostanzjali fil-jeddijiet li kienu jgawdu l-impjegati tal-bank konvenut taħt ftehim kollettiv preċedenti, xi ħaġa li ma saritx. Fid-dawl ta' dan, hija l-fehma tal-Qorti li għandha tiskarta l-eċċezzjoni preliminari tal-bank konvenut, u tgħaddi sabiex tevalwa t-talbiet atturi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut u tal-provi mressqa mill-partijiet f'din il-kawża.*

*Il-Qorti tattribwixxi importanza partikolari lil dak li xehdu rappreżentanti tal-MUBE kemm dwar l-interpretazzjoni tal-klawsola 12(b)(i) inkwistjoni, dwar il-kronoloġija tal-mod kif din tpoġġiet proprju taħt it-taqsima 'Terminal Benefits', u dwar il-mod kif jistgħu jsiru bidliet sostanzjali bejn ftehim kollettiv u ieħor tul is-snin. Hekk pereżempju, Mark Muscat u Felix Galea, li t-tnejn li huma kienu involuti fl-HSBC Employee Committe tal-Malta Union of Bank Employees, spjegaw li l-klawsola ċċitata mill-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, kienet klawsola li fi ftehim kollettiv preċedenti kienet tispeċifika b'mod ċar li kienet applikabbli għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn jiġi stabbilit li t-tkeċċija ta' impjegat mill-post tax-xogħol tiegħu tkun waħda 'inġusta' u l-bank konvenut jonqos milli joffri l-impjieg lura mill-ġdid lill-persuna li tkun ipproċediet kontra l-bank. Huwa f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn fl-ewwel lok, ikun hemm deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali li t-tkeċċija kienet waħda inġusta, u fit-tieni lok, l-impjegat ma jerġax jiddaħħal fl-impjieg mal-bank konvenut, li jiskatta d-dritt tal-impjegat għall-ħlas ta' minimu ta' tliet snin salarju, u huwa proprju għalhekk li l-attur qiegħed jiċċita din il-klawsola in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu.*

*Minn dak li ngħad mix-xhieda mressqa mill-attur, jirriżulta b'mod ċar li l-klawsola inkwistjoni kienet intiża sabiex tkun waħda 'all-encompassing' kif xehed Felix Galea fi kliemu stess, u li din kienet maħsuba biex tapplika għal ċirkostanzi bħal tal-każ odjern, fejn jiġi stabbilit minn tribunal indipendenti, li persuna tkun tilfet xogħolha inġustament, u l-bank konvenut jonqos milli jdaħħal lill-persuna inkwistjoni lura fl-impjieg. Il-Qorti jidhrilha li l-interpretazzjoni mogħtija mill-bank konvenut tal-klawsola inkwistjoni hi waħda restrittiva u ċertament li mhijiex dak li kien maħsub mir-rappreżentanti tal-impjegati meta nnegozjaw l-ispostament ta' din il-klawsola minn taqsima oħra tal-ftehim kollettiv, fejn kien stipulat b'mod ċar li din il-klawsola tapplika fejn jiġi stabbilit li persuna tilfet xogħolha b'mod inġust u din ma tiġix reintegrata lura fl-impjieg li kellha mal-bank. Li kieku l-union li tirrappreżenta lill-impjegati tal-bank konvenut kellha xi ripensament dwar it-tħaddim ta' din il-klawsola, din il-klawsola ma*

*setgħetx tinbidel mingħajr ma jivvutaw dwarha l-impjegati, minħabba li ċertament li din hi klawsola li tolqot direttament il-jeddijiet tagħhom meta impjegat isib ruħu mingħajr impjieg, u sussegwentement jiġi stabbilit li t-tkeċċija ta' dak l-impjegat kienet waħda inġusta.*

*Tqis li l-interpretazzjoni li tagħti s-soċjetà konvenuta għall-klawsola 12(b)(1) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni mhijiex waħda loġika u tirrendi l-imsemmija klawsola mingħajr ebda sinifikat u li ma ssibx applikazzjoni, 'il għaliex f'kuntest fejn il-bank konvenut huwa marbut illi ma jagħmilx redundancies involontarji, kif tista' din il-klawsola tiġi interpretata li tapplika f'kuntest fejn it-tribunal kompetenti jkun iddikjara li hija inġusta terminazzjoni ta' impjieg permezz ta' redundancy.*

*Hija l-fehma tal-Qorti li d-diċitura tal-klawsola 12(b)(1) tal-ftehim kollettiv li kien fis-seħħ fil-15 ta' Marzu, 2011 hija biżżejjed ċara u għad illi tinsab taħt l-intestatura 'terminal benefits ... as a result of redundancies', din qed tagħmel riferiment għal sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn impjegat għad li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu tkun ġiet dikjarata inġusta mit-tribunal kompetenti skont il-liġi, dan ma jkunx ġie reintegrat lura fl-impjieg li kellu qabel.*

*Tqis għalhekk illi fil-każ odjern l-attur għandu jedd jirċievi tliet snin salarju maħduma fuq is-salarju tiegħu fl-aħħar sena tal-impjieg mal-bank konvenut, mingħajr ma tingħata kunsiderazzjoni għal bonuses, benefiċċji u perkaċċi oħra li seta' kien intitolat għalihom li kieku baqa' impjegat mal-bank konvenut, u dan in linea ma' dak li l-Qorti temmen li hu l-ispirtu tal-klawsola fil-ftehim kollettiv li ġiet iċċitata mill-attur fil-proċeduri mnedija minnu permezz ta' din il-kawża."*

3. HSBC ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u b'rikors imressaq minnu fil-4 ta' Ġunju, 2018, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex *"tħassar, tirrevoka u/jew tvarja l-istess sentenza u dana billi tiċħad t-talbiet tal-appellant* **(recte: appellat)** *fl-intier tagħhom u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Bank appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat"*;

4. L-attur Dennis Francalanza (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellat") laqa' għal dan l-appell billi b'risposta mressqa minnu fis-6 ta'

Lulju, 2018, saħaq li s-sentenza appellata hija waħda ġusta, motivata tajjeb, u ankrata fuq kull aspett li tittratta, bil-konsegwenza li l-aggravji tal-konvenut mhux talli mhumiex biss mistħoqqa, iżda huma saħansitra frivoli u vessatorji. Fid-dawl ta' dan u dak kollu mfisser fir-risposta għall-appell, l-appellat qiegħed jitlob lil din il-Qorti biex tiċħad l-appell, u tikkundanna lil HSBC sabiex iħallas l-ispejjeż għal darbtejn;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, rat l-atti kollha tal-kawża, u wara li semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Frar, 2023, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'din l-azzjoni, l-attur appellat qiegħed ifittex lil HSBC għall-ħlas ta' benefiċċju ta' tliet snin salarju, skont klawsola 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv, u dan għar-raġuni li b'deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Novembru, 2015, it-Tribunal Industrijali[1] sab li HSBC keċċih mill-impjieg ta' *'Credit and Invoice Finance Manager'* b'mod inġust u bi ksur tal-liġi;

7. HSBC laqa' għal dan billi, fl-ewwel lok, qajjem l-eċċezzjoni li l-attur tilef il-jedd li jressaq din l-azzjoni, għaliex huwa kien diġà aċċetta u żbanka ċekk datat 2 ta' Diċembru, 2015, mehmuż ma' ittra li fiha l-Bank fissirlu li

[1] Deċ. Nru. 2418/15

dak il-ħlas kien qed jingħatalu għas-saldu ta' kull pretensjoni li kellu b'rabta mat-tkeċċija tiegħu mill-impieg. Fil-mertu, HSBC imbagħad sejjes id-difiża tiegħu fuq l-argument li l-klawsola li qed jirreferi għaliha l-attur ma tgħoddx għall-każ tiegħu, iżda tapplika biss għal dawk il-każijiet meta "*t-Tribunal Industrijali jagħti deċiżjoni fis-sens li r-redundancy ta' impjegat ma kienitx waħda ġusta skont il-liġi għaliex ir-redundancy tkun saret bi ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi*";

8. Wara li l-Ewwel Qorti sabet li l-ebda waħda minn dawn id-difiżi mhija mistħoqqa, HSBC qiegħed issa jressaq appell mis-sentenza appellata bis-saħħa ta' **żewġ aggravji** li, fil-qosor ħafna, jistgħu jinġabru f'dan li ġej:

(i) li l-Ewwel Qorti 'naqset legalment', meta 'ma qisitx' l-interpretazzjoni tal-bank appellant dwar il-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv, li minnha qed jitnisslu l-pretensjonijiet tal-appellat; u

(ii) li l-Ewwel Qorti waslet biex 'tiskarta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu (li l-appellat kien tilef il-jedd li jressaq din l-azzjoni tiegħu ladarba kien laqa' ħlas magħmul lilu "għas-saldu") fuq fatti li m'għandhomx mis-sewwa, u mhumiex korroborati;

9. Peress li **<u>t-tieni aggravju</u>** jitkellem sewwasew dwar iċ-ċaħda ta' dik l-eċċezzjoni li fiha HSBC qiegħed iqajjem id-difiża li l-appellat tilef il-jedd li jressaq azzjoni bħal din, il-Qorti jidhrilha li jkun aktar għaqli li tibda billi tistħarreġ dan l-aggravju u dan għar-raġuni li, jekk jirriżulta li huwa mistħoqq, l-azzjoni tal-appellat tieqaf hawn, u ma jkun jifdal l-ebda ħtieġa biex jiġi mistħarreġ ukoll l-ewwel aggravju;

10. F'dan l-aggravju, HSBC qed jirreferi għal dak li tniżżel fl-ewwel paragrafu f'paġna 19 tas-sentenza appellata, u jilmenta li f'dik il-parti tas-sentenza l-Ewwel Qorti qagħdet fuq 'fatti mhux veritjieri u mhux korroborati'[2]. B'mod partikolari HSBC jilmenta li l-Ewwel Qorti waslet għal dawk il-konklużjonijiet għax qagħdet fuq ix-xhieda ta' Mark Muscat, li dan ma kienx jifforma parti mill-kumitat tal-MUBE li nnegozja mal-Bank dawk 'il-bidliet' li saru fil-ftehim kollettiv. Wara li jgħid hekk, HSBC ifisser li t-tibdiliet kollha li jsiru fil-ftehim kollettiv jiġu l-ewwel maqbula bejnu u l-MUBE, u huwa biss wara li jsir hekk li dawn jitressqu għall-approvazzjoni tal-impjegati mseħbin magħha biex jittieħed vot. F'dan is-sens, HSBC jissottometti li "*m'huwiex minnu li kien hemm bżonn xi vot dwar l-interpretazzjoni ta' klawsola 12(b)(1) tal-ftehim kollettiv, għaliex dak il-vot kien diġà ittieħed meta l-klawsola hekk mibdula ġiet maqbula mal-MUBE qabel ma tpoġġiet għall-vot quddiem l-impjegati kollha tal-bank appella[n]t li huma membri tal-union rikonoxxuta*". Fuq is-saħħa ta' hekk

[2] Il-paragrafu li qed jirreferi għalih il-Bank appellant ġie riprodott fit-tieni paragrafu f'paġna 6 ta' din is-sentenza.

jisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu minħabba dak li qal Muscat, u dan mingħajr biss 'ma staqsiet għal xi prova' biex tara jekk dak li kien qed jgħid kienx tassew minnu, u 'mingħajr ma tindaga' jekk fil-fatt itteħidx xi vot dwar it-tibdil fil-klawsola li wasslet għal din it-tilwima. HSBC jagħlaq imbagħad billi jargumenta li l-Ewwel Qorti 'qatt ma ntalbet tagħmel xi dikjarazzjoni mill-appellat' fis-sens li 'l-ftehim kollettiv huwa null' jew li parti minnu ma għaddietx mill-vot tal-impjegati. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti ma kienx għalhekk messha daħlet f'din il-kwistjoni '*b'mod ultra petita'* u messha qagħdet mat-talbiet tal-appellat;

11. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjonijiet li qed iqanqal HSBC f'dan l-aggravju huma għal kollox irrilevanti għall-għanijiet tal-ewwel eċċezzjoni[3]. Dak li jgħodd mhuwiex jekk itteħidx xi vot mill-membri tal-MUBE dwar 'it-tibdil' fil-klawsola li wasslet għal din it-tilwima, jew inkella jekk dak 'it-tibdil' wassalx għall-bdil fit-tifsira ta' dik il-klawsola. Dak li jgħodd huwa sewwasew jekk, miċ-ċirkustanzi li fihom 'ġie aċċettat' il-ħlas ta' sitt elef ewro, setgħetx tinstilet l-espressjoni tar-rieda tal-attur appellat li jirrinunzja għal dak li issa qed jippretendi li huwa dovut lilu taħt klawsola 12(1)(b) tal-ftehim kollettiv;

[3] Din l-eċċezzjoni tniżżlet fit-tieni paragrafu tar-risposta maħlufa (fol. 135).

12. Kif osservat tajjeb mill-Ewwel Qorti, f'dan il-każ jirriżulta fiċ-ċar li, għalkemm HSBC tassew hemeż iċ-ċekk ta' sitt elef ewro flimkien ma' ittra li fiha tfisser li dak il-ħlas kien qed jingħatalu "*in full settlement of all your claims arising from the termination of your employment with the Bank*"[4], min-naħa l-oħra, b'ittra tal-14 ta' Diċembru, 2015[5], l-attur appellat għarraf lill-istess Bank li huwa mhux biss kien qed jirrifjuta li jibgħat kopja ffirmata ta' dik l-istess ittra sabiex jingħalaqlu l-fajl tiegħu, iżda saħansitra għamilha ċara li huwa kien qed jaċċetta dak il-pagament ta' sitt elef ewro, <u>bla ħsara</u> għall-pretensjoni li ġiet mressqa minnu, b'ittra elettronika li ntbagħtet f'ismu minn Mark Muscat, fid-9 ta' Diċembru, 2015,[6] u li permezz tagħha talab li jiġi mħallas il-pagament konsistenti fi tliet snin salarju skont il-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv;

13. Fil-fehma tal-Qorti, iċ-ċirkustanzi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan kienu biżżejjed biex l-Ewwel Qorti setgħet tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' HSBC. Dan aktar u aktar, meta fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kienet qed tħaddan l-istess fehmiet li ġew imtennija fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' '***Aceline Entertainment Ltd v Price Breakers Limited***'[7], li huma prattikament riproduzzjoni fidila ta' dak li ġie ngħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'

[4] fol. 25.
[5] fol. 27.
[6] fol. 26.
[7] Ara l-ewwel żewġ paragrafi f'paġna 17 tas-sentenza appellata. (***Aceline Entertainment Ltd v. Price Breakers Ltd***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fis-16 ta' Diċembru, 2011).

‘***Peter Attard v. Lawrence u Carmen konjuġi Fino’***[8] u li, f’kuntest simili għall-ewwel eċċezzjoni ta’ HSBC, kien sewwasew ġie osservat li:

> “*...Kif taraha din il-Qorti,* ***f’każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista’, għal fatt ta’ dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament****. Rinunzja din, li kif enunċjat f’bosta sentenzi, trid tkun waħda ċara u univoka b’ mod li mill-fatti ma tkunx tista’ tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja...*[9];

14. F’dan ir-rigward, HSBC la ressaq xi aggravju fis-sens li l-Ewwel Qorti żbaljat meta għażlet li tħaddan l-istess prinċipji li ssemmew fis-sentenzi mniżżla fil-paragrafu ta’ qabel dan, u wisq anqas ma fisser kif u x’fatta l-Ewwel Qorti setgħet, jew kellha b’xi mod jew ieħor, tislet xi fehma tal-espressjoni tar-rieda tal-attur appellat li biha kien qed jirrinunzja għal dak li issa qed jippretendi li huwa dovut lilu b’din l-azzjoni tiegħu taħt il-klawsola 12(1)(b) tal-ftehim kollettiv. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mill-provi li tressqu fl-atti ma jirriżultax li l-attur appellat wera r-rieda li jirrinunzja għall-pretensjoni li qed iressaq issa f’din il-kawża. Anzi, għall-kuntrarju, u sewwasew mill-korrispondenza li l-attur appellat bagħat lil HSBC ftit tal-jiem wara li rċieva ċ-ċekk ta’ sitt elef ewro[10], jirriżulta li l-appellat irnexxielu juri “*l-manifestazzjoni tal-volontà tiegħu*” li ma kienx qed jaċċetta dak iċ-ċekk ta’ sitt elef ewro, b’dawk il-kliem u f’dawk it-termini li tniżżlu fl-ittra ta’

---

[8] App. Ċiv. 35/2005/1PS.
[9] Enfasi miżjud minn din il-Qorti. L-istess prinċipji intlaqgħu f’bosta sentenzi oħrajn inkluż dawk fil-kawżi fl-ismijiet ***Vella Group Limited v. George Grech et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fit-**30 ta’ Mejju, 2017** (App. Ċiv. 482/2013AE), u s-sentenza preliminari li ngħatat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***Charmaine Muscat v. Mario Cutajar et.***, deċiża fis-**17 ta’ Ottubru, 2019**. (Rik. 428/2017GM) (mhux appellata).
[10] Fol. 27.

David Perotti li kienet mehmuża mal-istess ċekk[11]. Minbarra dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-obbligazzjoni li HSBC kellu wara l-għoti tad-deċiżjoni li ta t-Tribunal Industrijali dwar it-tkeċċija inġusta mill-impieg kienet waħda għal kollox differenti minn dawk l-obbligazzjonijiet li l-istess Bank kellu lejn l-appellat taħt il-ftehim kollettiv. Għalhekk, il-ħlas ta' dik l-obbligazzjoni ma setgħetx isservi wkoll biex tagħlaq it-triq lill-appellat li jfittex jeddijiet oħrajn tiegħu taħt il-ftehim kollettiv, ladarba dawk il-jeddijiet ma kienu qatt jagħmlu parti mill-vertenza determinata mill-imsemmi Tribunal;

15. F'ċirkustanzi bħal dawn, HSBC ma jistax għalhekk jippretendi li din il-Qorti għandha ddawwar is-sentenza appellata sa fejn għandu x'jaqsam maċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, għaliex ma jidhrilhiex li taha raġuni tajba biex tagħmel dan;

[11] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ta': ***Johann Schembri pro. et. noe. v. Charlot Mifsud et. noe.***, deċiża fid-**19 ta' Ottubru, 2005**, (App. Ċiv. Nru. 274/2003/1PS). F'din is-sentenza ngħad li: "*Huwa veru li in linea ta' massima hu preżunt li min jaċċetta, u jsarraf ukoll, cheque lilu mibgħut fit-termini "full and final settlement" jiġi li hu rċieva pagament f'dawk l-istess termini preċiżi. Dan jibqa' hekk pero` sakemm ma jiġix muri illi min ircevih ipprotesta dwar ħlas għal dan fil-mument opportun. Fil-każ preżenti din il-Qorti hi sodisfatta fuq l-analisi tagħha tar-riżultanzi istruttorji illi l-attur Johann Schembri kien ipprotesta dwar il-pagament li sarlu bin-nuqqas. F'dan hu korroborat minn Joseph Caruana, segretarju tal-Kunsill Lokali konvenut, fejn dan ikkonferma illi l-imsemmi attur kien ilmenta mal-Kunsill dwar l-ammont li tħallas. Jitnissel minn dan illi il-pagament li sar lid-ditta attriċi f'dawk il-kontinġenzi ma jistax ħlief jiġi klassifikat bħala wieħed sempliċiment akkont, anke jekk l-ittra akkompanjanti ċ-cheque tgħid xort' oħra, jiġifieri li skond il-Kunsill Lokali l-ħlas kien wieħed għas-saldu. Bil-protesta u l-ilmenti li jingħad li saru, l-attur wera l-manifestazzjoni tal-volontà tiegħu li ma kienx qed jaċċetta li ċ-cheque riċevut b' dawk il-kliem, u f' dawk it-termini, kien intiż minnu bħala aċċettazzjoni ta' ħlas għas-saldu. L-aggravju fuq dan il-punt ma jistax allura jirċievi favur*"

16. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex jitwarrab it-tieni aggravju, il-Qorti ma tistax ma tosservax kif l-ilmenti li tressqu minn HSBC f'dan l-aggravju huma, f'kull każ, fiergħa għall-aħħar, tant li ma kienx messhom tressqu. Pereżempju, huwa żgur li ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti ma żammitx fil-limiti tal-kontestazzjoni jew b'xi mod jew ieħor ma żammitx mat-talbiet tal-attur appellat. Hekk ukoll, ma jirriżulta minn imkien li l-Ewwel Qorti għamlet xi dikjarazzjoni jew osservazzjoni li l-ftehim kollettiv, jew xi parti minnu, 'huwa null'. Tant li dan ma kienx il-każ, li l-Ewwel Qorti sewwasew ikkundannat lil HSBC biex iħallas lill-attur appellat fuq is-saħħa ta' dak li jirriżulta mill-istess ftehim kollettiv;

17. Daqstant ieħor ma jinftehmux l-argumenti ta' HSBC meta jgħid li l-Ewwel Qorti 'żbaljat' meta "*ddeċidiet li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank appellant a bażi tal-kliem tas-sur Muscat mingħajr ma staqsiet għal xi prova biex tara jekk dak li kien qed jgħid s-sur Muscat huwa minnu u mingħajr ma tindaga jekk fil-verità xi vot tal-impjegati dwar il-klawsola in kwistjoni kienet fil-fatt saret*". F'dan ir-rigward, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li mhuwiex id-dmir tal-Qorti li fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin jew mhux tajbin biżżejjed, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li xi parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha[12]. Jekk HSBC ried li titressaq xi prova biex ixejjen dak li qal ix-xhud Mark Muscat, kien

[12] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et.***, deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Ottubru, 2022**, (App. Ċiv 1103/2007/1).

jaqa' fuqu li jressaq il-provi huwa stess fil-waqt xieraq hija u miexja l-kawża, u mhux jistenna lill-Qorti tagħmillu xogħlu;

18. F'kull każ, mill-provi jirriżulta li HSBC qiegħed saħansitra jħambaq għalxejn b'xejn u dan għaliex ix-xhieda ta' Mark Muscat ġiet sewwasew korroborata bix-xhieda ta' Felix Galea, li huwa wkoll uffiċjal tal-MUBE. Bħal Muscat, dan għamilha ċara li fl-istatut tagħha, l-MUBE għandha mniżżel li jekk ikun ser jitnaqqas xi ħaġa mill-benefiċċji li għandhom il-ħaddiema, dik il-bidla trid tiġi maqbula mill-membri f'laqgħa straordinarja tal-istess membri ta' dik il-*union*[13]. L-istess xhud spjega wkoll li minkejja li huwa ma kienx involut fin-negozjar tal-ftehim kollettiv għas-snin 2005 sa 2007, madanakollu, huwa kien preżenti għal-laqgħa straordinarja li ssejħet għall-membri tal-MUBE dwar dak l-istess ftehim kollettiv, u kkonferma kif f'dik il-laqgħa ma kien ittieħed l-ebda vot dwar l-klawsola li wasslet għal din it-tilwima, tant li stqarr li mqar biss issemmiet mill-MUBE f'dik il-laqgħa[14];

19. Tħares minn kull fejn tħares, it-tieni aggravju ma jirriżultax li huwa mistħoqq u għalhekk qed jiġi miċħud;

20. Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi issa biex tqis **l-ewwel aggravju** li jmiss sewwasew il-qalba ta' din it-tilwima. Fi kliem HSBC, dan l-aggravju

[13] Ara x-xhieda ta' Felix Galea, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' April, 2017, f'fol 201
[14] *Ibid.* f'foll. 201 – 3

jikkonsisti ‘fil-fatt’ li “*l-ewwel Qorti naqset legalment meta ma qisitx l-interpretazzjoni tal-Bank appellant tal-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv bejn l-bank u l-MUBE*”. F’dan ir-rigward, HSBC jisħaq li tali klawsola tirreferi biss għal dawk il-każijiet li fihom persuna jkun seħħilha tikkontesta b’suċċess quddiem it-Tribunal Industrijali t-tkeċċija inġusta tagħha mill-impieg biss fuq bażi ta’ ‘*redundancy*’, u mhux tkeċċija fuq is-saħħa ta’ tkeċċija b’riżultat ta’ proċeduri dixxiplinari. Filwaqt li jirreferi għall-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-interpretazzjoni tal-Bank hija lloġika għaliex, skont il-ftehim kollettiv, il-Bank huwa marbut li ma jtemmx impjiegi fuq bażi ta’ ‘*redundancy*’ involontarja, HSBC jirribatti li mhuwiex minnu li l-ftehim kollettiv ma jħallihx jagħmel sensji involontarji skont il-liġi. Skond HSBC, jekk l-iskemi msemmija fi klawsola 12(a) tal-ftehim kollettiv ma jirriżultawx li jkunu biżżejjed, allura l-Bank ikollu bilfors imur għas-sensji involontarji skont il-liġi, u dan b’tali mod li jekk f’dik il-proċedura huwa ma jimxix mal-liġi, u speċifikatament mal-prinċipju tal-‘*last in – first out*’, allura mbagħad jiskatta l-benefiċċju taħt il-paragrafu 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ‘ma setgħetx tgħid b’ċertezza’ li l-klawsola f’paragrafu 12(b)(i) “*hija biżżejjed ċara u għad li tinsab taħt l-intestatura ‘terminal benefits ... as a result of redundancies,’ din qed tagħmel riferiment għal sitwazzjoni bħal dik odjerna.*” F’dan ir-rigward, HSBC jisħaq li l-ftehim kollettiv innifsu jifred is-sitwazzjonijiet ta’ ‘*redundancies*’ li jwasslu għas-sensji, mill-każijiet ta’ proċeduri dixxiplinarji li jwasslu għat-tkeċċija, u jisħaq ukoll li f’dik il-parti ta’

proċeduri dixxiplinari, ma jissemmew imkien l-ammonti li qed jippretendi l-appellat. Skond HSBC, dan huwa sewwasew għaliex il-benefiċċju mfittex mill-appellat jgħodd biss għall-każijiet ta' sensji u mhux għal tkeċċijiet li jirriżultaw minn proċeduri dixxiplinari. Sfiq ma' dan, iżid li bis-'sempliċi fatt' li t-Tribunal Industrijali juża l-istess nomenklatura ta' "*tkeċċija inġusta*" jew "*unfair dismissal*" kemm għall-każ ta' tkeċċija riżultanti minn proċeduri dixxiplinarji kif ukoll għall-każijiet tat-temm ta' impjieg konsegwenza ta' sensja, ma jfissirx li dawk is-sitwazzjonijiet huma l-istess u għandhom l-istess għeruq legali. Skond HSBC, l-Ewwel Qorti fehmet l-aħħar sentenza tal-klawsola 12(b)(i) 'il barra mill-kuntest tagħha, u skartat il-fatt li dik is-sentenza qegħda fil-parti tal-ftehim kollettiv li tirregola s-sensji u ċerti sitwazzjonijiet oħra li però "*jeskludu għal kollox tkeċċija b'dixxiplina*";

21. B'żieda ma' dan, HSBC ifisser kif, fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll fl-apprezzament tax-xhieda ta' Felix Galea. Jgħid li skond dan ix-xhud, il-klawsola li wasslet għal din it-tilwima kienet maħsuba biss għal dawk s-sitwazzjonijiet ta' telf ta' impjieg minħabba "*redundancy, transfer of business, merger, abolition of post*" u mhux bħala kumpens għal kwalunkwe tkeċċija nġusta wara proċess ta' dixxiplina;

22. Fl-aħħarnett, dwar dan l-aggravju, HSBC jissottometti li l-klawsola f'paragrafu 12(b)(i) għandha tiġi wkoll titfisser bil-mod li qed jgħid hu

għaliex l-ammont ta' tliet snin paga kif misjub f'dik il-klawsola huwa marbut mal-pagament li l-Bank ried jagħti f'każ ta' sensji ("*redundancy benefit*"). Jgħid li l-istess klawsola titkellem dwar l-ammont massimu ta' tliet snin paga li huwa rifless bħala penali u dan "*bħala minimu propju għaliex l-Bank ried li jekk persuna li jkun mogħti s-sensja ma jkunx ġie magħżul skont il-liġi, dik il-persuna għandha tiegħu ammont akbar mill-ammont stipulat mill-ftehim kollettiv f'każ ta' sensji*";

23. Wara li qieset dawn l-ilmenti kollha fid-dawl tal-provi li tressqu fl-atti, kif ukoll fil-qafas tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, u t-tweġiba tal-attur appellat, din il-Qorti jidhrilha li lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq;

24. Ġaladarba li l-kwistjoni kollha ddur madwar it-tifsira ta' klawsola fi ftehim kollettiv, ikun xieraq li jibda biex jingħad li l-ftehim kollettiv "*hu meqjus bħala kuntratt, u b'hekk għandu jiġi rispettat u osservat fit-termini tiegħu kif jesprimu l-volontà taż-żewġ kontraenti*"[15]. Huwa wkoll magħruf sewwa li l-ftehim kollettiv jorbot lill-klassi tal-ħaddiema li għalih jirreferi[16], u dan ukoll fir-rigward saħansitra ta' dawk il-ħaddiema li ma jkunux membri fit-'*trade union*' li tkun magħrufa mill-prinċipal u li tkun innegozjat

[15] Silta meħudu mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Agius v. Galea Debono noe.*** deċiża fit-**21 ta' Ottubru, 2002**. Din is-silta hija ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Josephine Vella et v. Korporazzjoni Enemalta,*** deċiża fis-**16 ta' Marzu, 2010** (App. Ċiv. 18/2008/1).
[16] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dr. Gabriella Fumia v. Direttur Ġenerali Veterinary and Phytosanitary Regulation Department,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar, 2022** (App.Ċiv. 347/2014/1).

dak il-ftehim[17]. Bħal kull kuntratt ieħor, il-ftehim kollettiv huwa eżegwibbli ġudizzjarjament mill-Qrati ordinarji[18] bħal kull kuntratt bilaterali ieħor u għandu jitfisser bit-tħaddim tal-istess prinċipji legali li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti b'mod ġenerali[19]. Xieraq ukoll jitfakkar li l-partijiet fi ftehim kollettiv, bħall-partijiet f'kull kuntratt ieħor, huma marbuta li jinterpretaw il-kuntratt b'rieda tajba, u għandhom jiżguraw li dak il-ftehim jitwettaq f'armonija sħiħa ma' dak li huma raġonevolment kellhom f'moħħhom, fil-waqt meta waslu għal dak il-ftehim[20]. Huwa tabilħaqq mifhum, li huwa fuq din il-bażi ta' rieda tajba, li huma msejsa l-liġijiet tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, kif misjuba fl-Artikoli 1002 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili[21]. Ġie wkoll imtenni li, fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, dak li jiswa mhijiex it-tifsira tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens mod ieħor li huma jagħżlu li jagħtu lill-kliem, iżda "*hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot*"[22];

---

[17] Ara f'dan is-sens id-digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet ***Air Malta PLC v. Association of Airline Operation Controllers (Malta) (AAOC),*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-**19 ta' Lulju 2018**
[18] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Shipyards Limited v. General Workers Union,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**1 ta' Diċembru, 2006** (App. Ċiv. 158/2005/1)
[19] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ***Grezzju Azzopardi v Public Broadcasting Services Limited***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-**28 ta' Jannar, 2008** (App. Ċiv. 21/2007PS), u ***Joseph Silvio v. Corinthia Palace Hotel Company Limited,*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-**27 ta' Frar, 2009** (App. Ċiv. 14/2008PS).
[20] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Luca Toccafondo v. Sara Grech Limited,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**7 ta' Ottubru, 2022** (rik 796/2018CFS) (mhux appellata).
[21] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Żammit et. v. Nażżareno Farruġia et.*** deċiża fil-**24 ta' Novembru, 2017** (App. Ċiv 527/2010/1).
[22] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***John Spiteri v. Is-soċjetà Popeye Investments Limited et.*** deċiża fit-**3 ta' Novembru, 2006** (App. Ċiv. 161/1997/2.)

25. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji kollha għall-każ tal-lum, isegwi li HSBC ma jistax jargumenta b'suċċess li l-Ewwel Qorti 'naqset legalment', meta 'ma qisitx' l-interpretazzjoni tiegħu tal-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv. Dak li l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tagħmel huwa li taqra l-klawsola in kwistjoni b'mod oġġettiv u f'każ li, minn eżerċizzju bħal dak, jirriżultalha li l-kliem li tniżżel f'dik il-klawsola huwa ċar, allura huwa dak il-kliem li kellu jitqies li jfisser ir-rieda tal-kontraenti[23]. Minn qari tas-sentenza appellata, din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti għamlet sewwasew dan, tant li sabet li: "*d-diċitura tal-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv li kien fis-seħħ fil-15 ta' Marzu, 2011* ***hija biżżejjed ċara*** *u għad li tinsab taħt l-intestatura 'terminal benefits ... as a result of redundancies', din qed tagħmel riferiment għal sitwazzjoni bħal dik odjerna...*;

26. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li l-kliem li ntuża u tqiegħed fil-klawsola 12(b)(i) huwa ċar biżżejjed, u ma jistax raġonevolment jinftiehem bil-mod dejjaq bħalma qed jippretendi HSBC. Kif jgħid sewwa l-attur appellat, f'dan il-każ, il-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv ma tfasslitx f'paragrafu wieħed bħalma HSBC qiegħed sistematikament jiċċita din il-klawsola, iżda minflok tqassmet f'żewġ paragrafi, li jaqraw dan li ġej:

---

[23] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Vinco Limited v. Josephine Ċilia et.*** deċiża fit-**12 ta' Lulju, 2019** (App. 1129/2018/1).

> "*In cases of termination of service by the Bank for reasons of redundancy or abolition of posts or transfer of business, or by way of merger, take over or otherwise, the Bank shall pay the discharged employee a sum equivalent to one (1) month's salary for each completed year of service with the Bank and pro rata for any part thereof, up to a maximum of three (3) years' salary. This in addition to any pension or other benefits an employee might be entitled to.*
>
> *The same benefit, with a minimum of three (3) years' salary, shall be due to an employee whose termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law unless reinstated in his previous post.*"[24];

27. Din il-Qorti jirriżultalha, fl-ewwel lok, li wara l-għoti tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, HSBC ma reġax daħħal lill-appellat jaħdem miegħu fil-Bank u għalhekk ma seħħitx ir-"*reinstatement*" u anqas li huwa reġa' ddaħħal jaħdem fil-post li kellu qabel tkeċċa, lil hinn minn jekk kienx talab dan jew le meta nieda l-proċeduri fit-Tribunal Industrijali. Fit-tieni lok, minn qari oġġettiv tal-imsemmija klawsola, b'kuntrast mal-benefiċċju msemmi fl-ewwel paragrafu li dwaru l-partijiet kontraenti dehrilhom li kellhom jispeċifikaw ir-raġunijiet li fuq is-saħħa tagħhom għandu jiġi fi tmiemu l-impjieg (*"for reasons of..."*), meta mbagħad ġew biex jirreferu għall-benefiċċju l-ieħor fit-tieni paragrafu l-partijiet naqsu għal kollox milli jagħmlu kwalifika bħal dik u, minflok, inqdew biss bil-kliem ġeneriku "*due to an employee whose* ***termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law***";

28. Bla dubju ta' xejn, il-kliem użat fit-tieni paragrafu qiegħed jirreferi għal ċirkustanzi ta' 'tkeċċija inġusta' u ġaladarba l-partijiet ma għażlux li

[24] Fol 49

jikkwalifikaw it-tifsira ta' din il-frażi, allura din għandha sewwasew tingħata s-sens ordinarju **sħiħ** tagħha, li skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[25] tfisser:

> "*(a)* ***it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit*** *(barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att)* ***li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att****, jew*
>
> *(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*
>
> *(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu; u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa' jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa' jimpjegaha skont l-artikolu 36(3), jew*
>
> *(d) it-terminazzjoni mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss: Iżda l-iskadenza tad-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss ma għandux jitqies bħala temm ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss*";

29. F'qafas bħal dan u b'mod partikulari fid-dawl tat-tifsira tant wiesgħa ta' '*tkeċċija inġusta*', din il-Qorti jidhrilha, li kieku l-partijiet tassew riedu jfissru li l-benefiċċju fit-tieni paragrafu ta' klawsola 12(b)(i) għandu jkun jgħodd biss għall-każijiet ta' '*redundancy*', il-partijiet kontraenti messhom jew kienu mistennija li jiċċarawh jew jikkwalifikawh u ma kinux ser jużaw kliem daqstant wiesgħa u ġeneriku li kieku mhux għall-fatt li hekk riedu. Dan jgħodd aktar u aktar meta wieħed iqis li fl-Artikolu 75(1)(a) tal-Att imsemmi nsibu mniżżel li t-Tribunal Industrijali jgawdi minn ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi "*il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li*

[25] Att XXII tal-2002 (Kap 452)

<u>*saret tkeċċija inġusta*</u>", jiġifieri kemm dawk imnissla minn tħaddim ħażin tar-regoli tas-sensja u kif ukoll dawk ġejjin minn teħid ta' miżuri dixxiplinari;

30. Magħdud dan, il-Qorti jidhrilha li huwa għalhekk kollu ta' xejn li HSBC qiegħed jipprova jiggranfa man-nomenklatura tat-taqsima li tinsab fiha il-klawsola mertu ta' din il-kawża, u dan għaliex dak li jgħodd għall-interpretazzjoni tal-kuntratti mhuwiex in-nomenklatura li l-partijiet jagħżlu li jagħtu lill-klawsoli fil-kuntratt, iżda huwa sewwasew l-kontenut ta' dawk il-klawsoli nfushom [26];

31. Fuq kollox, il-Qorti lanqas ma jidhrilha li dan huwa xi każ fejn is-sens wiesgħa tal-kliem li ġie wżat fit-tieni paragrafu tal-klawsola 12(b)(i) mhuwiex f'armonija sħiħa ma' dak li l-partijiet raġonevolment kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni ta' dak il-ftehim. Mill-provi jirriżulta li l-klawsola li wasslet għal din it-tilwima ilha snin twal titniżżel fil-ftehim kollettiv ta' bejn l-MUBE u HSBC u l-predeċessuri tiegħu. Kemm hu hekk, tali klawsola, bi kliem pjuttost identiku, hija misjuba fil-ftehim kollettiv li l-MUBE kellha mal-'Mid-Med Bank' u dan għas-snin 1993 sa 1995[27]. L-istess klawsola baqgħet titniżżel f'kull ftehim kollettiv ieħor wara dak[28], b'dan illi fil-ftehim kollettiv għas-snin 2005 sa 2007, dik l-istess klawsola,

---

[26] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Tax Free Services Limited v. Atlas Insurance Agency Limited,*** deċiża fil-**25 ta' Settembru, 2006** (App. Ċiv. 2213/2000/1).
[27] 'Dok MM2', (fol. 165).
[28] Ara: 'Dok MM3', (fol. 167); 'Dok MM4', (fol. 172); 'Dok MM5', (fol. 174).

li qabel kienet tinsab taħt it-titolu ġenerali ta' '*Terminal Benefits*', tqiegħdet taħt it-titolu '*Redundancies and Early Retirement*', u fl-ewwel paragrafu żdiedet il-frażi "*up to a maximum of three years*"[29]. Ta' min jinnota però li, minkejja dan iċ-ċaqliq u t-tibdil fin-nomenklatura tat-titolu, il-klawsola baqgħet dejjem maqsuma f'żewġ paragrafi distinti bħalma kienet fil-ftehim kollettivi passati, u t-tieni paragrafu tagħha baqa' dejjem jaqra l-istess. Ma jagħmel għalhekk l-ebda sens li l-bdil fin-nomenklatura tat-titolu, wassal biex biddel it-tifsira tal-kontenut tal-klawsola 12(b)(i) nnifisha tal-ftehim kollettiv, u dan meta l-partijiet għażlu li jħallu l-kliem tat-tieni paragrafu ta' dik il-klawsola mhux mimsus u sewwasew bl-istess mod daqstant ġeneriku u wiesgħa bħalma kien jaqra qabel. Din il-Qorti tqis ukoll li l-Ewwel Qorti wettqet dan l-eżerċizzju meta ġiet biex tagħti r-raġunijiet tagħha dwar it-tifsira li kellha tingħata l-imsemmija klawsola, u din il-Qorti jidhrilha li dak l-eżerċizzju twettaq kif imiss u ma hemm xejn xi tmaqdar fih;

32. F'kull każ, u bħalma sewwa qalet l-Ewwel Qorti, it-teżi ta' HSBC fl-aħħar mill-aħħar ixxejnet mix-xhieda tal-uffiċjali tal-MUBE li fissru ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-bdil fin-nomenklatura tat-titolu tal-klawsola u ċ-ċaqliq tal-istess, li sar fil-ftehim kollettiv għas-snin 2005 sa 2007, u wrew li dak iċ-ċaqlieq ma kienx xi wieħed ta' sustanza tant li, fil-laqgħa straordinarja ġenerali li ssejħet għall-approvazzjoni ta' dak l-istess ftehim

---

[29] 'Dok. MM6', (fol. 176-177).

kollettiv, il-MUBE ma sejħitx vot tal-membri dwar dik l-istess klawsola, u dan sewwasew għaliex dak il-benefiċċju ma kienx qiegħed jitnaqqas meta mqabbel ma' kif kien fil-ftehim kollettiv ta' qabel[30]. F'dan il-każ, HSBC mhux biss ma seħħlux iwaqqa' dak li xehdu dwaru l-uffiċjali tal-MUBE, iżda saħansitra naqas għal kollox milli tal-anqas iressaq xi uffiċjal tiegħu biex ifisser x'kien sewwasew l-għan wara ċ-ċaqliq ta' dik il-klawsola jew jekk, biċ-ċaqliq ta' dik il-klawsola, il-partijiet kinux tabilħaqq ftiehmu li jdejqu t-tifsira tat-tieni paragrafu tal-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv biex dak il-benefiċċju kellu jibda jgħodd biss għall-każijiet ta' tkeċċija inġusta li tirriżulta minn '*redundancy*';

33. Filwaqt li dan kollu li ngħad huwa biżżejjed biex il-Qorti tiċħad l-appell tal-Bank, għall-għanijiet ta' kompletezza għandu jingħad li lanqas mhuwa siewi l-ilment ta' HSBC li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi meta ġiet biex tqis ix-xhieda ta' Felix Galea. Kemm fix-xhieda tiegħu kif ukoll fil-kontroeżami, dak ix-xhud għamilha ċara kemm-il darba li l-klawsola mertu ta' din it-tilwima kienet "*all encompassing*" b'tali mod li kienet tgħodd ukoll fil-każijiet fejn it-Tribunal Industrijali jkun sab li ħaddiem tal-Bank ikun tkeċċa b'mod inġust, u "*ma kienitx biss fuq redundancy*"[31]. Mhuwa għalhekk minnu xejn li Felix Galea 'qal' li dik il-klawsola 'kienet biss maħsuba' għas-sitwazzjonijiet ta' '*redundancy,*

[30] Ara x-xhieda ta' Felix Galea, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' April, 2017, (fol 199-207). Ta' relevanza dwar dan hija wkoll ix-xhieda ta' Mark Muscat mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Novembru, 2016. (Fol. 151).

[31] Ara x-xhieda ta' Felix Galea, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' April, 2017, (fol 200, 206 u 207).

*transfer of business, merger, abolition of post*' u 'żgur mhux bħala kumpens għal kwalunkwe tkeċċija nġusta wara proċess ta' dixxiplina';

34. Jiġi b'hekk li dan l-aggravju lanqas mhuwa mistħoqq u għaldaqstant l-appell tal-Bank ser ikun qed jiġi miċħud għal kollox;

***Decide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-Bank appellant billi ma jirriżultax li huwa mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u b'hekk qiegħda tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-istess Bank appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da